MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2008

Numru 1058/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Michael Mallia)**
**(Spettur Malcolm Bondin)**
**(Spettur Anna Marie Micallef)**

**vs**

**Kevin Debono**
**Paul Cremona**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Kevin Debono ta’ 32 sena iben Alfred u Luigia nee’ Portelli imwieled Pieta’ fil-21 ta’ Awwissu 1976, residenti Entrance A Flat 1, Triq il-Pellegrinagg, Bormla u detentur tal-karta tal-identita’ numru 437176(M) u Paul Cremona ta’ 47 sena iben Antonio u Lorenza nee’

Fenech imwieled Tas-Sliema fit-2 ta' Marzu 1961, residenti nru. 1 'Oxford Court' Triq Achille Ferris, Msida u detentur tal-karta tal-identita' numru 176361(M) gew mressaqa quddiemha akkuzati talli :

Lil Kevin Debono wahdu talli :

F' Hal-Qormi fil-lejl ta' bejn is-17 u t-18 ta' Ottubru 2008, ikkommetta serq ta' 'fuel oil' mill-fond Cassar Fuels Ltd. , sitwat fi Triq il-Kummerc, Qormi, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi s-somma ta' €2330 (elf lira Maltin), bil-mezz u bil-hin u li sar ghad-detriment ta' l-amministraturi ta' l-istess fond;

Lil Paul Cremona wahdu talli:

F' Hal Luqa fil-lejl ta' bejn is-17 u t-18 ta' Ottubru 2008 u fil-jiem ta' wara din id-data, xjentament laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b' qerq jew akkwistati b' reat, sew jekk sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta jew xjentement b' kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom, liema oggett misruq gej minn reat ta' serq ikkwalifikat bil-valur;

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment.

Semghat l-ammissjoni tal-imputati kif registrata fis-seduta ta' 1 ta' Novembru 2008 ghall-akkuzi migjuba fil-konfronti taghhom.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' wara li l-imputati wiegbu li huma hatja ta' l-akkuzi migjub fil-konfronti taghhom, din il-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u huma nghataw zmien xieraq sabiex jekk iridu jergghu lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputati, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputati hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfronti taghhom kif minnhom ammessi.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fedina penali relattivament netta taz-zewg imputati, l-fatt li huma ammettew l-akkuzi migjuba fil-konfronti taghhom fi stadu bikri tal-proceduri, l-fatt li l-imputati ikkoperaw mal-ewwel u bis-shih fil-kors tal-investigazzjoni u li in oltre ghenu lil Pulizija sabiex jidentifikaw lil terzi persuni li setghu kienu involuti bhala komplici f’dan ir-reat .

Ghaldaqstant u wara li rat l-Artikoli 261,263,267,270 278 u 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lil imputat Kevin Debono hati ta’ l-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba’ (4) snin millum.

Wara li rat l-Artikoli 334,261,263,267,270,278 u 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lil imputat Paul Cremona hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba’ (4) snin millum.

B’applikazzjoni ta’ l-Artikolu 28H tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti tordna lill-imputat Paul Cremona sabiex sa zmien sitt (6) xhur millum ihallas lis-Socjeta’ Cassar Fuels Limited is-somma ta’ hdax-il elf hames mija u tlettax-il Ewro u tmintax–il Ewro centezmi( 11,513.18€).

Il-Qorti tiddikjara ghal kull bon fini lli hija spjegat lill-hatja fi kliem car ir-responsabilita’ taghhom skond il-ligi jekk huma jikkommettu reat iehor illi ghalih hemm il-piena ta’ prigunerija matul il-perjodu operattiv ta’ din is-sentenza sospiza.

Il-Qorti tordna ukoll li ai termini tal-Artikolu 401(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, kopja ta’ din is-sentenza u l-atti kollha tal-procediment jintbaghtu lil Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------